MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2008

Avviz Numru. 241/2006

**Dr. George Abela**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Vella**

## Il-Qorti:-

Rat l-avviz pprezentat mill-attur nhar l-ghaxra (10) t'Awissu 2006 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata 'n linea ta' danni skond l-Att dwar l-Istampa, wara li jigi dikjarat li ngurjah w immalafamah bl-istqarrija ghall-Istampa ai termini tal-Artikolu 26 tal-Kap 248 datat erbgha (4) t'Awissu 2006, intitolata "Il-kwistjoni tal-Konferenza Generali Straordinarja tat-Taqsima Settur Pubbliku – Aktar rappurtagg zleali mill-*media* tal-PN", kopja ta' din id-dikjarazzjoni hija annessa w imarkata bhala Dok. 'A' u li giet cirkolata lill-*media* u l-mezzi tax-Xandir, kif jirrizulta mill-istess Dok. 'A', fejn il-konvenut, bhala awtur tal-istess

stqarrija, ghamel allegazzjonijiet li huma foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li ghandhom bhala skop, li joffendu l-unur u l-fama tal-attur u jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenut Carmelo sive Charles Vella fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi fl-istqarrija ghall-istampa *de quo* hemm biss fatti maghrufa u *fair comment* dwar kwisjtoni t'interess pubbliku, liema kummenti huma accessibli f'socjeta demokratika, kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-istqarrija esebita fl-atti w immarkata bhala Dok. 'A' (fol. 2), w appuntu l-ahhar parti taghha, fejn l-attur hass ruhu ngurjat fejn hemm imnizzel '*Il-GWU ma thosshiex sorpriza bil-palata moghtija minn George Abela lill-PN, anke meta tqis l-affinita li ilha tezisti bejnu u bejn il-PN. Ta min ifakkar li hekk kif spicca minn konsulent legali tal-GWU, kien il-Gvern li hatru bhala konsulent f'diversi entitajiet pubblici*.'

Semghet ix-xhieda prodotta sa dan l-istadju.

Rat dak li gie verbalizzat mill-avukati tal-partijiet, fis-seduta ta' nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 u cioe:

"*Dr. Ian Stafrace (ghall-atur) jopponi ghall-produzzjoni ta' zewg xhieda ngunti biex jixhdu fuq xoghol li d-ditta legali Abela Stafrace & Associates taghmel ma xi entita governattiva u dan peress illi din id-ditta la direttament u lanqas indirettament, qatt ma ssemmiet fil-press release mahruga mill-intimat Vella, qatt ma saret allegazzjoni f'dan is-sens fil-konfront tal-istess ditta legali, u meta wiehed iqis il-mod li bih gie ingunt rapprezentant tal-ufficcju tal-Prim Ministru, fejn ma giet specifikata l-ebda entita jew dipartiment governattiv, ikompli jikkonferma li l-intimat Vella, kif del resto kkonferma hu stess, ma kienx edott mill-fatti, meta huwa kiteb w iffirma l-press release*

*mertu tal-vertenza odjerna u din il-Qorti ghandha tistabilixxi jekk l-awtur ta' din il-press release kienx qed jikteb fuq fatti maghrufa minnu dak iz-zmien li kitibha, u mhux izjed minn entejn wara li kiteb l-istess fatti.'*

*'Dr. Aaron Mifsud Bonnici ghall-konvenut jinsisti fuq il-htiega li jressaq il-provi dwar id-dhul tal-attur minn entitajiet pubblici sabiex ikun jista jipprezenta l-ahjar difiza fil-konfront tal-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawza.'*

Semghet il-partijiet jittrattaw dan il-verbal u l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti taghti digriet f'dan ir-rigward qabel ma l-attur ikompli jressaq il-provi tieghu.

Ikkunsidrat:

Rat l-ingunzjoni prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-disgha w ghoxrin (29) t'April 2008 (fol. 45) fejn il konvenut talab li jigu ngunti tlett xhieda u cioe Chairman Malta Environment and Planning Authority, Chairman tal-Malta Limited u s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, fejn l-ewwel zewg xhieda ntalbu jixhdu dwar il-process tal-ghazla tal-konsulent legali dwar is-sejha u l-offerti relattivi fil-process ta' *tendering* dwar il-kriterju ta' l-ghazla tal-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates u/jew l-Avukat George Abela u dwar il-hlasijiet effettwati lill-istess konsulenti legali mis-sena 2000. Dwar it-tielet xhud u cioe Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, dan intalab sabiex jelenka l-konsulenza moghtija lill-Gvern Malti u lill-entitajiet, korpijiet, kumpaniji, kumitati u bordijiet li jaqghu taht ir-responsabilita jew kontroll tal-Gvern mill-Avukat George Abela wahdu jew bhala parti mill-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates u dan mis-sena 2000 sa llum u sabiex jelenka ghall-premess il-hlasijiet maghmula mill-Gvern u entitajiet ecc. lill-imsemmija konsulenti.

Jirrizulta 'n segwitu, li dwar ix-xhud Chairman tat-Tug Malta ma kienx hemm kontestazzjoni u dan ghaliex John Sullivan, Chairman tat-Tug Malta xehed fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 w ghalhekk illum il-

kontestazzjoni tal-attur hija biss dwar iz-zewg xhieda l-ohra.

Jidher illi l-kontestazzjoni tal-attur hija limitata fis-sens li dawn iz-zewg xhieda m'ghandhohmx jithallew jixhdu dwar id-dhul jew operat tal-ufficcju legali Abela Strafrace & Associates, izda ghandhom jixhdu limitatament dwar l-introjtu ta' Dottor George Abela, ghaliex dan l-ufficcju legali m'issemmiex fil-*press release* mertu tal-kawza.

Peress illi f'dan l-istadju fil-process ghad ma hemmx prova dwar in-ness tal-avukat Abela mal-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates, il-Qorti ma thossx li ghandhom jigu permessi li jsiru domandi dwar l-istess operat w introjtu ta' dan l-ufficcju legali.

**Il-Qorti tixtieq tirrileva illi fid-dokument esebit minn Alex Magro (rapprezentant mill-Ufficcju tal-Prim Ministru) nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 immarkat bhala Dok. CSH, hemm indikat hlasijiet li saru mill MEPA lill-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates. In vista ta' dan id-digriet, il-Qorti jidhrilha, illi sakemm ma jkunx hemm prova tan-ness bejn l-Avukat Dottor George Abela u l-ufficcju legali Abela Stafrace & Associates, din il-parti tad-dokument ghandha tigi skartata u konsegwentement tordna li jerga jitharrek bhala xhud, Alex Magro sabiex jesebixxi dan id-dokument minghajr din il-bicca ahharija fejn hemm referenza ghall-MEPA.**

**Il-Qorti issa tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------